**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 02 ta' Mejju, 2023**

**Rikors Numru 11/2023**

**Janet Wendy Attard**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Janet Wendy Attard** ippreżentat fid-9 ta' Frar, 2023, li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

*Illi dan hu appell ai termini ta Artikoli 11(3) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Illi l-appelanta irċeviet rifjut minn applikazzjoni għal-liċenzja ta gwardjan privat permezz ta ittra referenza PG1238/2022 mibgħuta mill-Kummissarju tal-Pulizija (fi tnejn u għoxrin (22) ta' Diċembru li għadda, fejn ġiet informata li l-applikazzjoni tagħha ġiet miċħuda ai termini ta Artikolu 10 (a) (i) tal-Att dwar il-Gwardjani Privati (Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Illi permezz ta' din l-ittra, ir-rikorrenti ġiet informata li l-liċenzja tagħha ġiet miċħuda a bażi ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kirminali, meħuda nhar id-disgħa (9) ta Marzu elfejn u disgħa (2009);*
*Illi id-deċiżjoni tal-Qorti referita fl-ittra, ma kinitx annessa, u wisq anqas indikata bin-numru tar-rikors jew okkju;*

*Illi r-rikorrenti ħassitha preġudikata minn din id-deċiżjoni u għalhekk qed tinterponi dan l-appell;*

*Illi l-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:-*

1. ***Illi s-sentenza tal-Qorti riferita fl-ittra mibgħuta mill-Kummissarju tal-Pulizija lanqas hi sostanzjata b'numru ta' rikors jew okkju***

*Illi għalhekk l-appellanta tinstab f'pożizzjoni li lanqas biss tista' tiddefendi ruħha stante li m'għandix informazzjoni dwar is-sentenza msemmija fl-ittra ta' deċiżjoni*

2. ***Illi l-istess kriterji ta' Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għandhom japplikaw għal każ de quo***

*Illi bla preġudizzju għall-aggravju preċedenti , huwa minnu li l-Artikolu kwotat li fuqha qed tistrieħ id-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija, ċioe Artikolu 10 (a) (i) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta jnissel ċertu reati li f'każ ta' ħtija , jagħtu s-setgħa lil Kummissarju tal-Pulizija biex ma jaċċettax applikazzjoni għal-liċenzja ta' gwardjan privat, iżda l-istess Artikolu ma jelenkax numru ta' snin sakemm din il-projbizzjoni tibqa effettiva. Illi għalhekk fl-assenza ta' gwida ċara fil-liġi, id-diskrezzjoni hi f'idejn il-Kummissarju tal-Pulizja li japplika l-liġi b'mod ġust. Illi għalhekk fl-opinjoni tar-rikorrenti appellanta , din id-diskrezjoni ma kinitx użata tajjeb mill-Kummisarju tal-Pulizja stante li is-sentenza li saret referenza għaliha hi tas-sena elfejn u disgħa , u allura erbatax -il sena ilu. Illi fl-assenza ta' gwida, kellu jiġi użat bħala linja gwida Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipula għaxar snin sabiex reat jibqa' japplika għal skop ta' reċediva;*

3. ***B'din id-deċiżjoni l-preġudizzju fuq ir-rikorrenti huwa kbir ħafna***

*Illi filwaqt li wieħed jifhem li dan it-Tribunal m'għandux kompetenza biex jiddeċiedi fuq leżjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, huwa tajjeb li ssir evalwazzjoni tal-preġudizzju enormi li soffriet ir-rikorrenti kawża ta' din id-deċiżjoni. Id-deċiżjoni kwotata tal-Qorti seħħet erbatax -il sena ilu , u bla preġudizzju għall-aggravji ġie riferiti, ir-rikorrenti irriformat ruħha u trid biss li taħdem f'impjieg fiss li jogħġob lilha. Illi din id-deċiżjoni qed tipprekludiha milli taqla' l-għajxien tagħha permezz ta impjieg fiss. Di fatti , ir-rikorrenti bħalissa tinsab qiegħda.*

*Għaldaqstant b'riserva li jiġu prodotti aggravji ulterjuri , u wara l-aggravji suelenkati , ir-rikorrenti titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jilqa 'dan l-appell, jirrevoka id-deċiżjoni kwotata tal-Kummissarju tal-Pulizija u jordna lill-istess biex joħroġ il-liċenzja għal-gwardjan privat tar-rikorrenti.*

Ra r-risposta **tal-Kummissarju tal-Pulizija** ippreżentata fl-24 ta' Frar, 2023, li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:-

*Illi in vena preliminari l-esponent jireleva li l-azzjoni hija fuori termine għaliex ir-rikors ma ġiex intavolat entro termine ta' xahar kalendarju minn meta ir-rikorrenti irċiviet id-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan kif rikjest mill-**Artikolu 11(3) tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta**. Ir-rikorrenti irċiviet l-avviż ta' rifjut fit-23 ta' Diċembru, 2022, iżda dan l-appell ġie intavolat fid-9 ta' Frar, 2023, u għaldaqstant huwa tardiv*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l- esponent jeċċepixxi illi t-talba tar-rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan għaliex għall-kuntrarju ta` dak li qed jingħad mir-rikorrenti fir-rikors promotur tagħha, kien hemm raġunijiet validi u*

*b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni tal-istess esponent li ma jikkonċediex il-liċenzja ta' gwardjan privat lir-rikorrenti u dan skont dak kontemplat fl-**Artikoli 10(a)(i) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta**, kif se jiġi pruvat fil-mori tas-smigħ ta' din il-kawża;*

*3. Illi l-Artikolu 10(a)(i) jipprovdi illi l-Kummissarju għandu jirrifjuta applikazzjoni meta fost l-oħrajn l-applikant ikun instab ħati f'Malta jew x'imkien ieħor "ta' xi delitt kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor";*

*4. Illi kif ir-rikorrenti taf ben ċar, permezz ta' sentenza datata 9 ta' Marzu, 2009, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali hija nstabet ħatja u dan b'ammissjoni tagħha stess talli: f'dawn il-Gżejjer fis-06 ta' Lulju, 2008, għal ħabta ta 01:30am., waqt li kien fi Triq Ball, San Ġiljan, mingħajr il-ħsieb li toqtol jew tqiegħed l-ħajja fil-periklu ċar, ikkaġunat feriti ta' natura gravi fil-ġisem ta' Roxanne Cassar", konsegwentament, l-Onorabbli Qorti sabet lir-rikorrenti ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontriha u ikkundanata għall-piena ta' tmintax (10) ix-xahar priġunerija sospiża għal tlett (3) snin. Kopja tas-sentenza annessa u mmarkata **Dok. CP1**;*

*5. Illi in oltre, a kuntrarju tal-impressjoni li tittenta tagħti ir-rikorrenti fir-rikors promotur, is-sentenza tal- 2009 ma kienetx l-ewwel u l-aħħar darba li hija xelfet ruħha mal-ġustizzja. Illi saħansitra riċentament ossia fl- 10 ta' Diċembru 2022 fil-kawża fl-ismijiet Pulizija vs Janet Wendy Attard hija nstabet ħatja mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' diversi imputazzjonijiet fosthom ta' imġieba li kellha konnotazzjonijiet sesswali u ta' eżerċizzju ma' oħrajn f' burdell jew ta' dar, ħanut jew lokal ieħor u dan kif aħjar deskritt fis-sentenza annessa u mmarkata **Dok. CP2**;*

***6.** Illi multo magis, ir-rikorrenti instabet ħatja ta' diversi akkużi oħrajn tul is-snin fosthom issoġġettat lill-persuna oħra għal xi att u jew imġieba li kellhom konnotazzjoni sesswali u għamlet użu ta' ismijiet foloz jew kjarifiki foloz dan kif aħjar deskritt fil-fedina penali tar-rikorrenti, ta' liema kopja qegħda tiġi annessa u mmarkata **Dok. CP3;***

*7. Peress li r-reat deskritt fl-ittra ta' rifjut u kif ukoll dawk li jinsabu elenkati fil-fedina penali huma delitti gravi ai termini tal-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponent jikkunsidra li kemm ir-reat ikkwotat kif ukoll l-oħrajn kommessi mir-rikorrent huma reati li m'humiex kompatibbli mal-mestjier ta' gwardjan privat għaliex fl-umli fehma tal-esponent, ir-rikorrent għandu jkun persuna ta' eżempju f'xogħolha, u mhux taġixxi b'atti li suppost qed tipprevjeni hi stess fil-qadi ta' xogħolha bħala gwardjan privat (ara **Mary Grace Gravina vs Il-Kummissarju tal-Pulizija, Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva1** deċiża fis-26 ta' Lulju, 2021);*

*8. Illi ġialadarba reat ikun meqjus bħala "delitti gravi oħra" kif mifhum taħt l-Artikolu 10(a) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta (oltre għal dawk ir-reati espliċitament imsemmija f'dan l-artikolu), l-istess artikolu ma jagħtix setgħa diskrezzjonarja lill-Kummissarju tal-Pulizija, iżda **jimponi obbligu fuq il-Kummissarju** li jirrifjuta ħruġ jew it-tiġdid ta` liċenzja jekk tkun tissussisti sitwazzjoni taħt is-subartikoli 10(a)(i) sa (vi) tal-istess Kapitolu 389, liema sitwazzjoni f'dan il-każ effettivament tissussisti;*

*9. Illi f'dan il-każ il-leġiżlatur ried illi persuni li jkunu nstabu ħatja ta' reati ta' ċertu gravita` ma għandhomx jiġu mħollija jagħmlu x-xogħol ta' gwardjan privat, u dan minħabba n-natura sensittiva ta' dan ix-xogħol, u l-ħtieġa li gwardjan privat għandu jkun persuna b'karattru affidabbli. Naturalment li kieku l-leġislatur kellu l-intenzjoni li jagħti xi tip ta' diskrezzjoni allura huwa kien isemmiha fil-liġi u dan in omaġġ għall-prinċipju ubi lex voluit dicit, ubi noluit tacuit;*

*10. Illi a kuntrarju ta' dak li ntqalt fir-rikors promotur, ir-rikorrenti ma irriformatx ruħha tant illi sussegwentament għal kundanna fl- 2009, hija ikkometiet u instabet ħatja ta' reati oħrajn u dan anki kif jirriżulta mis-sentenza datata 10 ta' Diċembru, 2022, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Qorti tal-Ġudikatura Kriminali u dan kif ġie eċċepit iktar 'il fuq;*

*11. Illi b'kull dovut rispett, l-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta invokat mir-rikorrenti ma' japplikax u m'għandu ebda relevanza għal-każ odjern. Di piu, l-aħħar reat imwettaq mill-esponenti ma' kienx erbatax il-sena ilu kif tagħti x'tifhem ir-rikorrenti iżda ftit xhur ilu u ċioe f' Diċembru, 2022;*

*12. Illi dwar l-argument li tqajjem ir-rikorrenti illi id-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija sejra tikkawżala preġudizzju kbir, tajjeb li jingħad b'kull rispett, illi din it-tali deċiżjoni ma tfissirx illi b'daqshekk ir-rikorrent hija prekluża milli taħdem. Dan ifisser biss illi ma tistax tagħmel xogħol speċifiku ta' gwardjan privat. Jekk hemm xogħol illi r-rikorrenti hija kwalifikata għalih u kapaċi tagħmlu, ħadd ma qiegħed iżomm lir-rikorrenti milli tagħmel tali xogħol. Għalhekk m'għandux x'jaqsam dak li tisħaq ir-rikorrenti li ċjoe' hija qiegħda tbagħti xi preġudizzju għax filfatt hu sempliċiment fatt li r-rikorrenti, minħabba li wettqet reati kriminali ta' ċertu gravita', ma baqatx tista' tikkwalifika biex tiġi fdata bil-liċenzja ta' gwardjan privat;*

*13. Illi dwar l-allegat leżjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, filwaqt li r-rikorrenti tonqos milli isemmi taħt liema jedd hija qiegħda tibbaża l-allegazzjoni tagħha, tajjeb jingħad li dan m'huwiex il-forum opportun li għandu is-setgħa jitratta tali allegazzjonijiet. Kwistjonijiet ta' natura kostituzzjonali ma jistgħux jinġiebu quddiem dan l-Onorabbli Tribunal stante li ma għandux il-vesti neċessarji sabiex jindirizzhom, jevalwahom u jiddeċedihom (ara f'dan is-sens* ***Joseph Cachia vs Direttur tas-Sigurta' Soċjali*** *deċiża fit-3 ta' Frar, 2021, mill-Appell Inferjuri)*

*14. Illi finalment* ***b'referenza għat-talba*** *hekk kif dedotta mir-rikorrenti, l-esponent jirrileva illi dan l-Onorabbli Tribunal ma jistax jordna lill-Kummissarju intimat sabiex joħroġ liċenzja ta' gwardjan privat u dan għaliex il-kompetenza tat-Tribunal hija purament waħda ta' reviżjoni ta' deċiżjonijiet u mhux li jarroga fuqu l-poter deċiżjonali li għandhom l-awtoritajiet pubbliċi.*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent qiegħed bl-akbar rispett jadixxi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet tar-rikorrenti fl-interita` tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.*

Ra illi permezz tal-ewwel eċċezzjoni tiegħu il-Kummissarju intimat eċċepixxa li l-azzjoni tar-rikorrenti hija *fuori termine* peress li ma ġietx

intavolata entro xahar kalendarju minn meta r-rikorrenti rċeviet id-deċiżjoni appellata;

Peress li din l-eċċezzjoni hija ta' natura preliminari, t-Tribunal ordna li l-istess tiġi trattata u deċiża f'dan l-istadju;

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet fir-rigward tal-istess eċċezzjoni;

Ra li r-rikors tħalla għal sentenza preliminari fuq l-ewwel eċċezzjoni tal-Kummissarju intimat.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti ħassitha aggravata b'deċiżjoni tal-Kummissarju intimat komunikata lilha permezz ta' ittra datata 21 ta' Diċembru, 2022, li permezz tagħha ġiet mgħarrfa bis-segwenti:-

*"Nagħmel referenza għall-applikazzjoni tiegħek għall-ħruġ ta' liċenza ta' Gwardjan Privat.*

*Għandi ninfurmak li din l-applikazzjoni qed tiġi rrifjutata ai termini tal-Artikolu 10(a)(i) tal-Att dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunita' (Kap 389, tal-Liġijiet ta' Malta) peress li jirriżulta li inti instabt ħatja ta' offiża gravi fuq il-persuna.*

*Dan qiegħed isir wara li ġiet ikkunsidrata sentenza mogħtija fil-konfront tiegħek, mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminaloi, nhar id-9 ta' Marzu, 2009, dwar offiża ta' natura gravi fost akkużi oħra, liema sentenza hija definittiva u ma tistgħax tiġi mibdula."*

Illi permezz tal-ewwel eċċezzjoni l-Kummissarju intimat eċċepixxa illi l-appell tar-rikorrenti huwa tardiv u dan stante li hija rċeviet id-deċiżjoni appellata fit-23 ta' Diċembru, 2022, mentri l-appell ġie ppreżentat fid-9 ta' Frar, 2023.

Illi ai termini tal-artikolu 11 (3) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta, meta persuna tħossha aggravata mir-rifjut tal-għoti ta' liċenzja għal gwardjan privat, l-istess persuna tista' tippreżenta rikors quddiem dan it-Tribunal sabiex tinħareġ il-liċenzja. Dan ir-rikors għandu jiġi ppreżentat fi żmien xahar kalendarju.

Illi l-Kummissarju intimat ippreżenta affidavit tal-Ispettur Sarah Magri, Spettur fi ħdan il-Police Licensing Office, li xehdet illi l-Kummissarju intimat informa lir-rikorrenti bir-rifjut tiegħu permezz ta' ittra reġistrata datata 21 ta' Diċembru, 2022. Xehdet illi l-istess ittra waslet għand ir-rikorrenti fit-23 ta' Diċembru, 2022, skont ir-*records* tal-posta reġistrata u li kopja tagħha ġiet esebita bħala Dokument KP1.

Illi da parti tagħha, id-difensur tar-rikorrenti saħqet illi m'hemm ebda indikazzjoni li r-*record* tal-posta reġistrata Dokument KP1 proprju jirrelata għall-ittra in kwistjoni. Illi fuq l-istess Dokument KP1 hemm numru ta' referenza RR 434782191MT. Illi pero` dan in-numru ta' referenza m'hemm ebda indikazzjoni għalih fl-affidavit ta' l-Ispettur Sarah Magri jew jekk dan in-numru ta' referenza huwa tal-ittra appellata, illi l-istess ittra ġiet imqassma lir-rikorrenti jew lil xi persuna awtorizzata minnha.

Illi t-Tribunal iqis li r-rikorrenti għandha raġun fl-argument imressaq minnha. Illi dan it-Tribunal m'għandux quddiemu l-aħjar prova illi l-ittra li għaliha hemm referenza f'Dokument KP1 hija fil-fatt l-ittra li ntbagħtet lir-rikorrenti bid-deċiżjoni appellata. Lanqas ma t-Tribunal għandu prova illi l-istess ittra tqassmet lir-rikorrenti. Tali prova riedet issir billi jittella' uffiċjal tal-Maltapost u jixhed dwar dawn id-dettalji.

Illi għalhekk it-Tribunal iqis illi l-ewwel eċċezzjoni tal-Kummissarju intimat ma ġietx ippruvata skont il-liġi u se tiġi miċħuda.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal, qiegħed jaqta' u jiddeċiedi l-ewwel eċċezzjoni tal-Kummissarju intimat billi jiċħadha u jordna li r-rikors ikompli jinstema' fil-mertu.

Spejjeż ta' din l-istanza a karigu tal-Kummissarju intimat.

____________________________

**Maġistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

________________

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**